SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla)

12 ta' Mejju 2016 *

"Għajnuna finanzjarja — Riċerka — Is-Seba' Programm Kwadru għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni — Proġett eDIGIREGION — Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-parteċipazzjoni ta' impriża — Rikors għal annullament — Terminu tar-rikors — Bidu tad-dekorrenza — Inammissibbiltà — Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Danni morali — Ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi"

Fil-Kawża T-468/14,

Holistic Innovation Institute, SLU, stabbilita fi Pozuelo de Alarcón (Spanja), inizjalment irrappreżentata minn R. Muñiz García, sussegwentement minn J. Marín López, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn R. Lyal, bħala aġent, assistit minn J. Rivas Andrés, avukat,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett, minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni ARES (2014) 710158, tat-13 ta' Marzu 2014, li tirrifjuta l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-proġett eDIGIREGION, u, min-naħa l-oħra, talba bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża li tikseb kumpens għad-dannu li r-rikorrenti allegatament subiet wara din id-deċiżjoni, li kienu jammontaw għal EUR3 055 000 kif ukoll l-interessi akkumulati, u, sussidjarjament, il-ħatra ta' espert bil-għan li jiġi evalwat id-dannu subiet,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla),

komposta minn S. Frimodt Nielsen, President, F. Dehousse (Relatur) u A. M. Collins, Imħallfin,

Reġistratur: J. Palacio González, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tal-14 ta' Jannar 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrenti, Holistic Innovation Institute, SLU, hija kumpannija Spanjola, ikkostitwita f'Ġunju 2011, prinċipalment attiva fit-telekomunikazzjonijiet, l-iżvilupp u s-servizzi ta' konsulenza fit-telekomunikazzjonijiet kif ukoll fir-riċerka u fl-innovazzjoni. Ir-rappreżentant legali u amministratur uniku kien preċedentement president u amministratur tal-kumpannija R., li tqegħdet fi stralċ volontarju fi Frar 2012.

2 Matul is-snin 2012 u 2013, ir-rikorrenti pparteċipat, flimkien ma' ħmistax-il impriża u attur reġjonali, f'Konsorzju peress li ssottomettiet proposta sabiex tipparteċipa f'proġett eDIGIREGION (Realising Digital Agenda Through Transnational Cooperation Between Regions).

3 Dan il-proġett intiż li jwettaq aġenda numerika grazzi għall-kooperazzjoni transnazzjonali bejn ir-reġjuni. Huwa tnieda mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej fil-kuntest tad-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) (ĠU 2006, L 412, p. 1). Il-proġett eDIGIREGION kien previst għal perijodu ta' 36 xahar u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea kienet ta' ammont massimu ta' EUR 2 999 971.

4 Il-proposta ppreżentata lill-Kummissjoni mill-Konsorzju, peress li kisbet il-marka totali ta' 13 fuq 15 fil-kuntest tal-ewwel evalwazzjoni, il-fażi ta' negozjati mal-Kummissjoni bdiet fi Frar 2013.

5 F'April 2013, il-Kummissjoni rċeviet informazzjoni supplimentari dwar, b'mod partikolari, ir-riżultati ta' verifiki li kienu twettqu preċedentement mingħand il-kumpannija R., minħabba x-xebh li kien jeżisti bejn ir-rikorrenti u l-kumpannija R. kif ukoll aspetti oħrajn marbutin mal-kapaċità operazzjonali u finanzjarja tar-rikorrenti.

6 Permezz ta' ittri elettroniċi tat-28 u d-29 ta' Mejju, it-12 u d-19 ta' Ġunju u t-2 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni talbet lir-rikorrenti informazzjoni dwar id-data finanzjarja u operazzjonali tagħha, b'mod partikolari f'termini ta' kapaċità ta' persunal. Ir-rappreżentant tar-rikorrenti rrisponda permezz ta' ittri elettroniċi tad-29 ta' Mejju, l-4, it-13 u d-19 ta' Ġunju 2013.

7 Permezz ta' ittra mingħajr data, li dwarha jirriżulta mill-proċess li hija ġiet stabbilita fl-20 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni indikat lir-rikorrenti li hija kienet wettqet evalwazzjoni dettaljata tal-kapaċità operazzjonali u finanzjarja tagħha, li skontha hija kienet tikkunsidra li r-rikorrenti ma kinitx uriet il-kapaċità tagħha biex twettaq il-kompiti previsti fil-proposta tal-proġett. Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li tiċħad il-parteċipazzjoni tar-rikorrenti fil-proġett eDIGIREGION.

8 Permezz ta' ittra tat-30 ta' Settembru 2013, ir-rikorrenti kkonfermat lill-Kummissjoni r-riċezzjoni tal-ittra li kienet tinfurmaha dwar iċ-ċaħda tal-parteċipazzjoni tagħha fil-proġett eDIGIREGION. Hija kkontestat din iċ-ċaħda, indikat li kienet lesta tipprovdi l-elementi neċessarji biex turi l-kapaċità operazzjonali u finanzjarja tagħha u talbet lill-Kummissjoni biex tikkunsidra mill-ġdid l-evalwazzjoni tagħha.

9 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Ottubru 2013, il-Kummissjoni kkonfermat li kienet irċeviet din il-kontestazzjoni u indikat li r-rikorrenti tirċievi risposta matul Novembru 2013.

10 Matul ix-xhur ta' Ottubru u ta' Novembru 2013, saru xi skambji ta' ittri elettroniċi bejn, minn naħa, ir-rappreżentant tar-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni u l-koordinatur tal-proġett eDIGIREGION. Fl-ittra tagħha tad-29 ta' Novembru 2013, il-Kummissjoni indikat lir-rikorrenti li hija

ma kinitx intenzjonalment dewmet in-negozjati, la żvelat informazzjoni kunfidenzjali jew eżerċitat xi pressjoni jekk fuq terzi, li kienet waslet għaċ-ċaħda tal-parteċipazzjoni tar-rikorrenti. Hija kkonfermatilha li kienet waslet li tevalwa mill-ġdid l-informazzjoni li fuqha hija kienet ibbażat fid-deċiżjoni ta' ċaħda tal-parteċipazzjoni tagħha fil-proġett eDIGIREGION u indikat li, jekk din l-evalwazzjoni l-ġdida kellha toħroġ fuq il-konklużjonijiet favorevoli, hija ma topponix li r-rikorrenti tintegra mill-ġdid il-Konsorzju. Madankollu l-Kummissjoni informat li din l-evalwazzjoni mill-ġdid ma setgħetx twassal għas-sospensjoni tan-negozjati.

11 Permezz ta' ittra tal-20 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni kkonfermat, skont argumentazzjoni dettaljata, l-evalwazzjoni tagħha li tgħid li l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti għall-proġett eDIGIREGION għandha tiġi miċħuda, minħabba li ma kellhiex kapaċità suffiċjenti skont ġestjoni u kapaċità amministrattiva, li hija kienet tat impressjoni żbaljata tal-kapaċità teknika u xjentifika u li kellha kapaċità żgħira ta' kofinanzjament.

12 Fl-14 ta' Jannar 2014, ir-rikorrenti indirizzat lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għar-riċerka, l-innovazzjoni u għax-xjenza ittra li tikkontesta l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni, li magħha kien mehmuż Anness li jinkludi l-argumenti tagħha b'risposta għall-argumenti tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2013.

13 Permezz ta' ittra tat-13 ta' Marzu 2014, mibgħuta permezz ta' ittra reġistrata b'konferma ta' riċevuta, li irċeviet fil-21 ta' Marzu 2014, li magħha kien mehmuż Anness li jinkludi risposta dettaljata għall-argumenti tar-rikorrenti, il-Kummissjoni informat lil din tal-aħħar li hija kienet qed tikkonferma l-konklużjonijiet tagħha kkomunikati preċedentement permezz ta' ittra tal-20 ta' Diċembru 2013, li d-deċiżjoni tagħha li teskludi n-negozjati kienet issa definittiva u li din setgħet tippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali abbażi tal-Artikolu 263 TFUE fix-xahrejn tan-notifika ta' din l-ittra. Hija kienet tispeċifika li r-risposti tar-rikorrenti għal din l-ittra ma kellhomx bħala effett li jissospendu t-terminu għall-preżentata ta' rikors.

14 B'ittra tat-2 ta' April 2014, ir-rikorrenti informat lill-Kummissjoni li hija kienet qed tikkunsidra li l-evalwazzjoni tagħha kienet żbaljata u li hija riedet tikkontestaha fil-qrati.

15 Fit-12 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni rrispondiet lir-rikorrenti li l-motivi taċ-ċaħda tal-parteċipazzjoni tagħha kienu ġew preċedentement sostnuti u li, peress li ebda element ġdid ma ġie prodott, hija ma kellha ebda kumment ieħor x'tagħmel.

16 Il-ftehim ta' sussidju ġie ffirmat mingħajr ir-rikorrenti fit-28 ta' Marzu 2014.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

17 B'att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Ġunju 2014, ir-rikorrenti ppreżentat dan ir-rikors.

18 Fuq rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali. Fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, il-Qorti Ġenerali stiednet lill-partijiet li jirrispondu bil-miktub għal domanda dwar l-ammissibbiltà tar-rikors għad-danni. Il-partijiet ikkonformaw ma' din it-talba fit-terminu stabbilit.

19 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet orali tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2016.

20 Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li teskludiha mill-proġett eDIGIREGION;

— tordna perizja ġudizzjarja u tindika espert bil-għan li jevalwa d-dannu ekonomiku li subiet;

— tiġbor ix-xhieda ta' ċerti koordinaturi ta' proġetti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas ta' danni u l-interessi għad-dannu subiet li kienu jammontaw għal EUR3 055 000 kif ukoll l-interessi akkumulati, jew, sussidjarjament, għall-ħlas ta' ammont fiss mill-espert ġudizzjarju;

— tippubblika s-sentenza tal-Qorti Ġenerali li tintervjeni fil-midja speċjalizzata u, minn tal-inqas, f'ċerti bulettini tal-Kummissjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

21 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors għal annullament inammissibbli u, sussidjarjament, tiddikjarah bħala infondat;

— tiċħad it-talba għal kumpens għad-danni bħala infondata;

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

Id-dritt

Fuq ir-rikors għal annullament

22 Il-Kummissjoni ssostni li r-rikors għal annullament huwa tardiv u, għalhekk, inammissibbli. Hija ssostni li d-deċiżjoni kkontestata ġiet innotifikata fil-21 ta' Marzu 2014 lir-rikorrenti u li r-rikors ġie ppreżentat biss fl-24 ta' Ġunju 2014, jiġifieri lil hinn mit-terminu għall-preżentata ta' rikors. Fil-kontroreplika, hija żżid tgħid li d-deċiżjoni kkontestata tipproduċi l-effetti legali tagħha b'effett min-notifika tagħha lid-destinatarju mingħajr ma l-pubblikazzjoni tagħha tkun neċessarja. Barra minn hekk, il-verżjoni oriġinali tar-rikors numerikament iffirmat intbagħat permezz ta' ittra elettronika fl-20 ta' Mejju 2014, minkejja li l-uniku mezz elettroniku tal-preżentata tal-atti proċedurali huwa l-applikazzjoni e-Curia. Minbarra dan, l-oriġinal iffirmat tar-rikors wasal biss fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-14 ta' Ġunju, jiġifieri wara l-iskadenza tat-terminu supplimentari ta' għaxart ijiem previst fl-Artikolu 43(6) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991.

23 Ir-rikorrenti ssostni li r-rikors huwa ammissibbli. Hija tindika li t-terminu għall-preżentata ta' rikors jiddekorri b'effett mill-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata u li r-risposta ma rreferiet għall-ebda data ta' pubblikazzjoni. Hija ssostni wkoll li r-rikors, iffirmat permezz ta' ċertifikat numeriku, ġie ppreżentat fit-terminu għall-preżentata ta' rikors anki qabel il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata. Hija żżid tgħid li t-terminu miftiehem mill-Qorti Ġenerali biex tirregolarizza r-rikors ġie osservat. Matul is-seduta, hija invokat in-neċessità li tirrispetta d-dritt għal rimedju effettiv u l-eżistenza ta' żball skużabbli.

24 Għandu jitfakkar li skont is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikors għal annullament għandu jiġi ppreżentat fi żmien xahrejn, skont il-każ, mill-pubblikazzjoni tal-att ikkontestat, jew minn meta dan jiġi nnotifikat lir-rikorrent, jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-ġurnata minn meta r-rikorrent ikun sar jaf bih. Mit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, jirriżulta wkoll li d-deċiżjonijiet li jindikaw destinatarju, kif inhu f'dan il-każ, huma nnotifikati lid-destinatarji tagħhom u jieħdu effett permezz ta' din in-notifika. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 102(2) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991, it-terminu għall-preżentata ta' rikors għandu jiżdied għal darba b'terminu ta' għaxart ijiem.

25 Skont ġurisprudenza stabbilita, it-terminu għall-preżentata ta' rikors huwa ta' ordni pubbliku, billi ġie stabbilit bil-għan li tiġi żgurata ċ-ċarezza u ċ-ċertezza tas-sitwazzjonijiet ġuridiċi u li jiġu evitati kull diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tivverifika, *ex officio*, jekk dan it-terminu jkunx ġie osservat (is-sentenzi tat-23 ta' Jannar 1997, Coen, C-246/95, EU:C:1997:33, punt 21, u tas-6 ta' Diċembru 2012, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-167/10, mhux ippubblikata, EU:T:2012:651, punt 37).

26 F'dan il-każ, id-deċiżjoni kkontestata tinsab fl-ittra tat-13 ta' Marzu 2014 tal-Kummissjoni, mibgħuta permezz ta' ittra reġistrata b'konferma ta' riċevuta lir-rikorrenti. Huwa stabbilit li din irċevietha fil-21 ta' Marzu 2014. Minbarra dan, din l-ittra kienet tispeċifika li d-deċiżjoni li teskludi r-rikorrenti min-negozjati kienet definittiva u li din setgħet tippreżenta rikors quddiem il-Qorti Ġenerali bis-saħħa tal-Artikolu 263 TFUE fix-xahrejn min-notifika tal-ittra inkwistjoni. Din l-ittra kienet tispeċifika wkoll li r-risposti tar-rikorrenti għal din l-ittra ma kellhomx bħala effett li jissospendu t-terminu għall-preżentata ta' rikors.

27 Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li tgħid ir-rikorrenti fir-replika, id-deċiżjoni kkontestata ma setgħetx tiġi ppubblikata u, minħabba t-terminu għal raġuni ta' distanza, it-terminu għall-preżentata ta' rikors skada fit-2 ta' Ġunju 2014.

28 Ċertament, ir-rikorrenti bagħtet rikors permezz ta' ittra elettronika tal-20 ta' Mejju 2014. Madankollu, għandu jitfakkar li, bis-saħħa tal-Artikolu 43(6) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991, id-data li fiha kopja tal-oriġinal iffirmat ta' att ta' proċedura tasal fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali permezz ta' faks jew ta' ittra elettronika ma tittieħidx inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-osservanza tat-termini proċedurali, ħlief jekk l-oriġinal iffirmat tal-att jiġi ppreżentat lil dan ir-reġistru mhux iktar tard minn għaxart ijiem wara li jkun wasal dan il-faks jew din l-ittra elettronika.

29 Issa f'dan il-każ, l-oriġinal tar-rikors ġie ppreżentat fir-reġistru biss fis-6 ta' Ġunju 2014 jiġifieri wara l-iskadenza tat-terminu ta' għaxart ijiem previst fl-Artikolu 43(6) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991.

30 Minbarra dan, dan l-oriġinal ma kienx jinkludi l-firma bil-miktub tal-avukat tar-rikorrenti, iżda l-firma bil-miktub tar-rikorrenti u l-kopja tal-firma tal-avukat tagħha.

31 Madankollu, in-nuqqas ta' preżentata tal-oriġinal tar-rikors iffirmat minn avukat awtorizzat li jagħmel dan ma huwiex wieħed mill-irregolaritajiet formali li jistgħu jiġu rregolarizzati konformement mal-Artikolu 44(6) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991. Dan ir-rekwiżit għandu jiġi kkunsidrat bħala regola sostanzjali tal-proċedura u għandu jiġi applikat strettament, b'tali mod li n-nuqqas ta' osservanza tiegħu jwassal għall-inammissibbiltà tar-rikors fl-iskadenza tat-terminu tal-proċedura (sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Bell & Ross vs UASI, C-426/10 P, EU:C:2011:612, punt 42 ; digriet tal-21 ta' Settembru 2012, Noscira vs UASI, C-69/12 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:589, punti 22 u 23, u s-sentenza tat-23 ta' Mejju 2007, Il-Parlament vs Eistrup, T-223/06 P, EU:T:2007:153, punti 48 u 51).

32 L-argument tar-rikorrenti, ibbażat fuq in-natura skużabbli tal-iżball imwettaq minħabba li, fid-dritt Spanjol, l-assenza ta' firma tar-rikors mill-avukat li jista' jiġi rregolarizzat, għandu jiġi miċħud. Fil-fatt, il-kunċett ta' żball skużabbli għandu jiġi interpretat b'mod strett u jista' biss isemmi ċirkustanzi eċċezzjonali (sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, Bell & Ross vs UASI, C-426/10 P, EU:C:2011:612, punt 47). Issa, it-tħejjija, is-sorveljanza u l-verifika tal-atti proċedurali li għandhom jiġu ppreżentati lir-reġistru jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-avukat tal-parti kkonċernata u, f'dan il-każ, l-argumenti tar-rikorrenti bbażati fuq id-dritt nazzjonali ma jippermettux li tiġi konkluża l-eżistenza taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali fis-sens tal-ġurisprudenza applikabbli.

33 Barra minn hekk, il-fatt li l-assenza ta' firma tar-rikors mill-avukat ma jkunx jista' jiġi rregolarizzat fid-dritt tal-Unjoni (ara l-punt 31 iktar 'il fuq) ma jqiegħedx f'kwistjoni d-dritt għal rimedju effettiv. Fil-fatt, l-applikazzjoni stretta tar-regoli proċedurali tissodisfa r-rekwiżit ta' ċertezza legali u n-neċessità li tiġi evitata kull diskriminazzjoni jew trattament arbitrarju fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalkemm il-kundizzjonijiet tal-preżentata tar-rikorsi u t-termini għall-preżentata ta' rikors jillimitaw id-dritt ta' aċċess għal tribunal, din il-limitazzjoni ma tikkostitwixxix ħsara għas-sustanza stess tad-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, tant li r-regoli inkwistjoni huma ċari u ma jippreżentawx diffikultà ta' interpretazzjoni partikolari (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-21 ta' Settembru 2012, Noscira vs UASI, C-69/12 P, mhux ippubblikat, EU:C:2012:589, punti 33 sa 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Minn dan isegwi li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 43(6) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991 ma ġewx osservati u li l-ittra mibgħuta tal-20 ta' Mejju 2014 imwettqa mir-rikorrent ma tistax tiġi kkunsidrata bħala li tikkostitwixxi rikors ippreżentat validament.

35 Minbarra dan, ir-rikorrenti ssostni li ppreżentat rikors iffirmat permezz ta' ċertifikat numeriku fit-terminu għall-preżentata ta' rikors. Madankollu, ir-rikors ippreżentat permezz tal-intermedju ta' e-Curia fl-24 ta' Ġunju 2014 huwa tardiv ukoll fid-dawl tat-terminu li jiskadi fit-2 ta' Ġunju 2014.

36 Minn dan isegwi li r-rikors għal annullament għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli, mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġu eżaminati l-argumenti mqajma dwar il-mertu mir-rikorrenti.

Fuq ir-rikors għad-danni

37 L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi nuqqas u kellha konsegwenzi ekonomiċi gravi f'dan ir-rigward. Hija tinvoka t-telf tad-dħul li jikkonċerna l-proġett eDIGIREGION kif ukoll proġetti oħrajn u tenfasizza l-impatt negattiv fuq il-klijenti istituzzjonali u fuq il-kompetittività tagħha. Hija tevalwa d-dannu tagħha għal EUR 3 055 000 u titlob ukoll il-ħatra ta' espert bil-għan li jiġi evalwat id-dannu ekonomiku subiet. It-tieni nett, hija tinvoka d-dannu subiet għall-fatt tat-tmaqdir tal-Kummissjoni li taffettwa l-kredibbiltà tagħha u hija titlob, f'dan ir-rigward, il-pubblikazzjoni u l-komunikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali.

38 Mistoqsiha mill-Qorti Ġenerali dwar l-ammissibbiltà tar-rikors għad-danni, ir-rikorrenti tenfasizza li l-Kummissjoni ma invokatx l-inammissibbiltà tal-imsemmi rikors u hija ssostni li huwa ammissibbli.

39 Il-Kummissjoni tikkontesta din l-argumentazzjoni u, b'risposta għal domanda tal-Qorti Ġenerali, tinvoka l-inammissibbiltà tar-rikors għad-danni.

40 Għandu jitfakkar li skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, fil-qasam tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali, l-Unjoni Ewropea għandha, skont il-prinċipji ġenerali komuni għal sistemi legali tal-Istati Membri, tagħmel tajjeb għal kull dannu kkaġunat mill-istituzzjonijiet tagħha jew mill-impjegati tagħha fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom.

41 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-impenn tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija hawn fuq, għal aġir illegali tal-korpi tagħha hija suġġetta għall-eżistenza ta' numru ta' kundizzjonijiet, jiġifieri l-illegalità tal-aġir li huma akkużati bih l-istituzzjonijiet, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat (is-sentenzi tad-29 ta' Settembru 1982, Oleifici Mediterranei vs KEE, 26/81, EU:C:1982:318, punt 16; tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punti 106 u 164 sa 166, u tas-16 ta' Ottubru 2014, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-297/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:888, punt 28). Minbarra dan, fir-rigward tal-kundizzjoni dwar l-aġir illegali li bih tiġi kkritikata l-istituzzjoni kkonċernata, il-ġurisprudenza teħtieġ li jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li jkollha bħala għan l-għoti ta'

drittijiet lill-individwi. Il-kriterju deċiżiv li jippermetti li jiġi kkunsidrat li ksur huwa suffiċjentement sinjifikattiv jikkonsisti fi ksur manifest u gravi, mill-istituzzjoni jew il-korp tal-Unjoni kkonċernata, limiti li jiġu imposti fis-setgħa diskrezzjonali tagħha (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni, C-352/98 P, EU:C:2000:361, punti 42sa 44; tas-17 ta' Marzu 2005, AFCon Management Consultants *et* vs Il-Kummissjoni, T-160/03, EU:T:2005:107, punt 93, u tas-16 ta' Ottubru 2014, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-297/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:888, punt 29).

42 Fir-rigward tal-kundizzjoni marbuta mar-realtà tad-danni, l-Unjoni tkun responsabbli biss fil-każ li r-rikorrenti tkun effettivament sofriet danni reali u ċerti, fatti li għandhom jiġi pprovati mir-rikorrenti (sentenzi tal-14 ta' Ottubru 2014, Giordano vs Il-Kummissjoni, C-611/12 P, EU:C:2014:2282, punt 36 u tas-16 ta' Ottubru 2014, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-297/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:888, punt 30).

43 Fir-rigward tal-kundizzjoni marbuta mal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-allegat dannu għandu jirriżulta b'mod suffiċjentement dirett mill-aġir ikkritikat, peress li dan tal-aħħar għandu jikkostitwixxi l-kawża determinanti tad-dannu, fatt li għandu jiġi pprovat mir-rikorrenti (sentenzi tat-30 ta' Jannar 1992, Finsider *et* vs Il-Kummissjoni, C-363/88 u C-364/88, EU:C:1992:44, punt 25 u tal-20 ta' Settembru 2011, Evropaïki Dynamiki vs BEI, T-461/08, EU:T:2011:494, punt 209).

44 Peress li waħda mit-tliet kundizzjonijiet li jinvokaw ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni ma hijiex issodisfatta, l-allegazzjonijiet għal kumpens għandhom jiġu miċħuda, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi eżaminat jekk iż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra huma ssodisfatti (sentenza tas-16 ta' Ottubru 2014, Evropaïki Dynamiki vs Il-Kummissjoni, T-297/12, mhux ippubblikata, EU:T:2014:888, punt 33; ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Settembru 1994, KYDEP vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-146/91, EU:C:1994:329, punt 81).

45 Għandu jitfakkar ukoll li, skont il-ġurisprudenza, l-azzjoni għad-danni, ibbażata fuq it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, hija rimedju awtonomu fil-kuntest ta' rimedji ġudizzjarji fid-dritt tal-Unjoni, b'mod li l-inammissibbiltà ta' talba għall-annullament ma twassalx, minnha stess, għal dik ta' talba għall-kumpens (sentenzi tal-15 ta' Marzu 1995, COBRECAF *et* vs Il-Kummissjoni, T-514/93, EU:T:1995:49, punt 58, u tas-17 ta' Ottubru 2002, Astipesca vs Il-Kummissjoni, T-180/00, EU:T:2002:249, punt 139).

46 Madankollu, jekk parti tista' taġixxi permezz ta' azzjoni għad-danni, mingħajr ma tkun kostretta minn ebda test li tfittex l-annullament tal-att illegali li tikkawżalha dannu, madankollu hija ma tistax tuża' b'dan il-mezz l-inammissibbiltà ta' talba li ssemmi l-istess illegalità u li hija intiża għall-istess finijiet monetarji (digriet tas-26 ta' Ottubru 1995, Pevasa u Inpesca vs Il-Kummissjoni, C-199/94 P u C-200/94 P, EU:C:1995:360, punt 27).

47 B'hekk, rikors għad-danni għandu jiġi ddikjarat inammissibbli meta huwa intiż, fir-realtà, għar-revoka ta' deċiżjoni individwali li saret definittiva u li għandha bħala effett, jekk tintlaqa', li tinnewtralizza l-effetti legali ta' din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-15 ta' Jannar 1987, Krohn Import-Export vs Il-Kummissjoni, 175/84, EU:C:1987:8, punti 32 u 33; tal-15 ta' Marzu 1995, COBRECAF *et* vs Il-Kummissjoni, T-514/93, EU:T:1995:49, punti 58 u 59, u tas-17 ta' Ottubru 2002, Astipesca vs Il-Kummissjoni, T-180/00, EU:T:2002:249, punt 140). Dan huwa l-każ jekk rikorrenti tfittex, permezz ta' talba għad-danni, li tikseb riżultat li huwa identiku għal dak li jipprovdilu s-suċċess ta' rikors għal annullament li hija naqset li tippreżenta f'ħin xieraq (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-4 ta' Ottubru 2010, Ivanov vs Il-Kummissjoni, C-532/09 P, mhux ippubblikat, EU:C:2010:577, punt 24).

48 Barra minn hekk, rikors għad-danni jista' wkoll ikun jista' jinnewtralizza l-effetti legali ta' deċiżjoni li saret definittiva meta r-rikorrenti tfittex benefiċċju iktar estiż, iżda tinkludi dak li hija setgħet tirtira minn sentenza ta' annullament. F'tali każ, huwa madankollu neċessarju li tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' rabta stretta bejn ir-rikors għad-danni u r-rikors għal annullament biex wieħed jikkonkludi l-inammissibbiltà tal-ewwel (digriet tal-24 ta' Mejju 2011, Power-One Italy vs Il-Kummissjoni, T-489/08, mhux ippubblikat, EU:T:2011:238, punt 46).

49 Wieħed għandu jżid jgħid li l-ammissibbiltà tat-talbiet għall-kumpens tista' tiġi eżaminata *ex officio* mill-qorti sa fejn tmiss mal-ordni pubbliku (sentenza tas-17 ta' Ottubru 2002, Antipesca vs Il-Kummissjoni, T-180/00, EU:T:2002:249, punt 139).

50 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandhom jiġu eżaminati l-argumenti ssollevati mir-rikorrenti li tinvoka dannu ekonomiku u morali.

Fuq id-dannu ekonomiku

51 Ir-rikorrenti ssostni li d-dannu ekonomiku li subiet jaqa' taħt tliet kapi distinti.

52 L-ewwel nett, hija titlob ir-rimbors tal-ammont ta' EUR 438 165 li jikkorrispondu għat-telf tas-sussidju marbut mal-proġett eDIGIREGION.

53 Għandu jiġi kkonstatat li din it-talba hija intiża għall-pagament ta' somma li l-ammont tagħha jikkorrispondi eżattament ma' dak tad-drittijiet li għalihom hija tinsab imċaħħda mill-fatt tad-deċiżjoni kkontestata. L-imsemmija talba hija intiża għalhekk, b'mod indirett, għall-annullament tad-deċiżjoni individwali peress li eskludietha mill-proġett u intiża għall-istess riżultat bħal dak li huwa intiż permezz tar-rikors għal annullament.

54 Madankollu, ir-rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni li teskludi r-rikorrenti mill-proġett eDIGIREGION ġiet qabel ma kienet iddikjarata inammissibbli (punt 36 iktar 'il fuq) u din id-deċiżjoni għalhekk saret definittiva.

55 Għaldaqstant, it-talba intiża għall-kumpens għad-dannu marbuta mat-telf tas-sussidju ta' ammont ta' EUR 438 165 għall-imsemmi proġett huwa inammissibbli, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 46 u 47 iktar 'il fuq.

56 It-tieni nett, ir-rikorrenti tallega, essenzjalment, l-eżistenza ta' dannu marbut mat-telf ta' riżorsi ppjanati għas-snin 2014, 2015 u 2016 li jammontaw għal EUR 146 055 għal kull waħda minn dawn it-tliet snin. Fir-replika, hija tevoka dannu li jikkorrispondi għal vantaġġi supplimentari li jirriżultaw mill-proġetti u ammont superjuri għal dak assenjat lill-baġit tagħha kif ukoll dannu marbut mal-effetti tal-kompetittività futura tagħha u l-assenza ta' valorizzar tal-konoxxenzi tagħha.

57 Madankollu, din it-talba hija intiża wkoll għall-pagament ta' somma li għalihom hija tinsab imċaħħda mill-fatt tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, permezz ta' din it-talba, hija intiża li terġa' tkun stabbilita, fuq il-pjan finanzjarju, fis-sitwazzjoni li kellha, li fil-fehma tagħha, tkun tagħha fl-assenza tad-deċiżjoni intiża li teskludi mill-proġett. It-talba intiża għall-pagament ta' dawn is-somom tippreżenta għalhekk rabta stretta, fis-sens tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 48 iktar 'il fuq, bl-annullament tad-deċiżjoni intiża li teskludiha mill-proġett. Tali talba għalhekk hija wkoll inammissibbli.

58 Barra minn hekk, minkejja li din ir-rabta mar-rikors għal annullament hija kkunsidrata bħala mhux suffiċjentement stretta biex twassal għall-inammissibbiltà tat-talba intiża għall-kumpens għad-dannu marbut mat-telf tar-riżorsi ppjanati, din it-talba għandha, fi kwalunkwe każ, tiġi mċaħħda bħala infondata. Fil-fatt, iċ-ċifri evokati li jikkonċernaw it-telf tar-riżorsi ppjanati għal 2014, 2015 u 2016 ma huma fl-ebda mod imsaħħa. Barra minn hekk, l-Unjoni tkun responsabbli biss fil-każ li r-rikorrenti

tkun effettivament sofriet danni reali u ċerti, fatti li għandhom jiġi pprovati minnha, b'applikazzjoni tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 42 iktar 'il fuq. Madankollu, il-pjanijiet evokati ma jikkostitwixxux il-prova ta' dannu reali u ċert fis-sens tal-ġurisprudenza. Dan japplika wkoll għad-dannu marbut mal-effetti tal-kompetittività futura tar-rikorrenti u l-assenza ta' valorizzar tal-konoxxenzi tagħha.

59 Din it-talba hija għalhekk inammissibbli u f'kull każ infondata.

60 It-tielet nett, fir-rigward tat-telf ta' dħul relatat mal-proġetti minbarra l-proġett eDIGIREGION, ir-rikorrenti tevoka l-proġetti INACHUS u ZONeSEC. Hija tevoka kemm somom marbutin mal-proġetti stess, jiġifieri is-sussidji ta' EUR 359 500 għall-proġett INACHUS u ta' EUR 421 750 għall-proġett ZONeSEC, u somom li jikkorrispondu għar-riżorsi ppjanati għas-snin 2014 sa 2017.

61 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li ċ-ċifri evokati mir-rikorrenti ma huma bl-ebda mod imsaħħa. Minbarra dan, il-proġetti evokati ma humiex imsemmija mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Marzu 2014. Fil-fatt, din tikkonċerna biss il-proġett eDIGIREGION u l-Kummissjoni barra minn hekk b'mod ċar speċifikat li hija ma kinitx tippreġudika d-deċiżjoni li għandha tittieħed dwar il-proposti l-oħra ta' proġett li r-rikorrenti kienet tagħmel parti minnhom.

62 Għaldaqstant, ir-rabta kawżali bejn, minn naħa, l-aġir tal-Kummissjoni li wassal għad-deċiżjoni tat-13 ta' Marzu 2014 u, min-naħa l-oħra, dannu eventwali dwar dawn il-proġetti ma hijiex stabbilita.

63 Din it-talba li tikkonċerna proġetti oħrajn għandha għalhekk ukoll tiġi miċħuda.

64 Minn dan isegwi illi t-talba għad-danni dwar id-dannu ekonomiku għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha.

Fuq id-dannu morali

65 Fl-ewwel lok, mill-atti bil-miktub tar-rikorrenti jirriżulta li hija ssostni li subiet dannu morali mill-fatt tal-aġir tal-Kummissjoni li hija tikklassifika bħala derogatorju u li affettwa l-kredibbiltà u r-reputazzjoni tagħha. Hija ssostni wkoll li, permezz tal-pressjonijiet tagħha, il-Kummissjoni dewmet il-proċeduri ta' negozjar għall-finijiet li tistigmatizzaha bħala parteċipant mhux mixtieq fil-proġetti Ewropej. Bħala kumpens, hija titlob il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali f'ċerti bullettini tal-Kummissjoni u l-komunikazzjoni tagħha mal-membri tal-konsorzji li fihom hija pparteċipat u li l-proġetti tagħha ġew sospiżi jew mdewma.

66 Għandu jiġi rrilevat li din it-talba ma għandhiex bħala effett, jekk tintlaqa', li tinnewtralizza l-effetti legali tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, hija ma hijiex intiża li tikseb riżultat identiku għal dak li nkiseb għar-rikorrenti is-suċċess ta' rikors għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata jekk kien ġie ppreżentat f'ħin xieraq. Għaldaqstant, din it-talba hija ammissibbli fid-dawl tal-ġurisprudenza evokata fil-punti 46 sa 48 iktar 'il fuq.

67 Barra minn hekk, insostenn tal-argumentazzjoni tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-aġenti tal-Kummissjoni eżerċitaw pressjonijiet intiżi li jeskludu proġetti Ewropej ta' riċerka. Hija tindika b'mod partikolari li l-kunflitt tagħha mal-Kummissjoni li tikkonċerna l-proġett eDIGIREGION għandha riperkussjonijiet fuq żewġ proġetti oħra, f'dan il-każ il-proġetti ZONeSEC u INACHUS, li fihom il-Kummissjoni informat l-assoċjati l-oħrajn bil-problemi tagħha biex tipparteċipa f'proġetti Ewropej. Sabiex issostni l-affermazzjonijiet tagħha, ir-rikorrenti tipproduċi skambji ta' ittri elettroniċi.

68 F'dan il-każ, hemm lok li dan l-argument jiġi miċħud.

69 L-ewwel nett, fil-fatt, fir-rigward tal-ittri elettroniċi li jikkonċernaw il-proġetti ZONeSEC u INACHUS, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrenti ma ssemmix espressament liema dispożizzjoni legali li tagħti drittijiet lill-individwi nkisret f'dan il-każ. Hija lanqas ma turi li l-Kummissjoni kellha aġir illegali li jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' tali dispożizzjoni legali.

70 F'dan ir-rigward, fl-ittra elettronika tiegħu tat-12 ta' Settembru 2013 indirizzata lil M.S., azzjonist tar-rikorrenti, il-koordinatur tal-proġett INACHUS evoka kummenti tal-Kummissjoni importanti għar-rikorrenti u li għandhom bżonn diskussjoni immedjata. Madankollu, ma hija pprovduta ebda indikazzjoni dwar il-kontenut ta' dawn il-kummenti. Barra minn hekk, f'ittra elettronika bi tweġiba, bid-data tas-17 ta' Settembru 2013, ir-rikorrenti tindirizza deskrizzjoni tal-organizzazzjoni tagħha. Huwa għalhekk kompletament possibbli li l-kummenti tal-Kummissjoni li kellhom bżonn diskussjoni kienu speċifikament iffokati fuq dan is-suġġett purament tekniku.

71 Bl-istess mod, fil-kuntest tal-proġett ZONeSEC, hija r-rikorrenti stess li, fil-15 ta' Jannar 2014, bagħtet ittra elettronika lill-koordinatur tal-proġett, li fiha tevoka d-diffikultajiet bejn il-kumpannija antika, R., u l-Aġenzija eżekuttiva għar-riċerka u tipproponi impriżi oħra biex jissostitwuha fil-każ fejn dawn id-diffikultajiet jippenalizzaw il-firma tal-kuntratt ZONeSEC. Il-koordinatur tal-proġett wara indirizza ittra elettronika bid-data tal-25 ta' Frar 2014 lill-assoċjati tal-imsemmi proġett, li fiha tevoka diffikultajiet baġitarji li għandhom jiġu solvuti u tindika li dan id-dewmien jista' jkun dovut għan-neċessità li wieħed jistenna d-deċiżjoni tal-Aġenzija eżekuttiva għar-riċerka li tikkonċerna r-rikorrenti.

72 Mill-argumenti preċedenti jirriżulta li l-atti prodotti mir-rikorrenti bl-ebda mod ma jappoġġjaw l-affermazzjonijiet tagħha dwar l-attitudni allegatament derogatorju tal-Kummissjoni.

73 It-tieni nett, ir-rikorrenti tipproduċi ittri elettroniċi dwar proġetti oħrajn, f'dan il-każ il-proġetti ClusMED, Global ITV u INSO 2. Madankollu, dawn id-dokumenti ma humiex rilevanti, peress li jikkonċernaw mhux lir-rikorrenti, iżda l-azzjonista tagħha, M. S., li ma huwiex parti għal dan ir-rikors. L-argument li jgħid li d-dannu kollu tar-rikorrenti jaffettwa lil dan tal-aħħar ma tiddgħajjefx din il-konklużjoni.

74 It-tielet nett, ir-rikorrenti jiddispjaċih mill-fatt li, fil-kuntest tal-proġett eDIGIREGION, il-Kummissjoni, permezz tal-pressjonijiet tagħha, dewmet il-proċeduri tan-negozjar sabiex tistigmatizzaha.

75 Għandu jiġi kkonstatat li n-negozjar mal-Kummissjoni, li kellu jitlesta fl-20 ta' Marzu 2013, ġie tterminat f'Novembru 2013. Madankollu, ma huwiex stabbilit li l-Kummissjoni kienet, matul dan it-terminu, stigmatizzat lir-rikorrent. Għall-kuntrarju, mill-elementi tal-proċess, imfakkra fil-punti 5 sa 10 iktar 'il fuq, jirriżulta li dan it-terminu ġie użat mill-Kummissjoni biex twettaq, fil-bżonn ta' ġestjoni finanzjarja tajba, eżami fil-fond tas-sitwazzjoni tar-rikorrenti fid-dawl tal-kundizzjonijiet magħmula biex wieħed jipparteċipa fil-proġett eDIGIREGION, biex tikkjarifika l-elementi tal-proċess u biex tesponilha l-motivi tar-rifjut tal-parteċipazzjoni tagħha fil-proġett.

76 Fid-dawl tal-elementi tal-proċess, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrenti ma tipprovax l-eżistenza ta' aġir illegali jew derogatorju min-naħa tal-Kummissjoni.

77 Għaldaqstant, it-talba għad-danni tar-rikorrenti għal dannu għar-reputazzjoni tagħha mill-fatt tal-aġir tal-Kummissjoni għandha tiġi miċħuda, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġi eżaminat jekk il-kundizzjonijiet marbutin mal-eżistenza ta' dannu u ta' rabta kawżali huma ssodisfatti.

78 Fit-tieni lok, matul is-seduta, ir-rikorrenti invokat ukoll dannu morali, li jikkonsisti f'dannu għar-reputazzjoni tagħha, marbut mal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

79 Il-Qorti Ġenerali tfakkar li mid-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 44(1)(ċ) u tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991 jirriżulta li r-rikors promotur għandu jinkludi s-suġġett tal-kawża u s-sunt tal-motivi invokati u li ma huwiex permess li jitressqu motivi ġodda fil-mori tal-proċedura sakemm dawn il-motivi ma jkunux ibbażati fuq elementi ta' liġi u ta' fatt li saru magħrufa fil-mori tal-proċedura. Madankollu, motiv jew argument, li jikkostitwixxi estensjoni ta' motiv imressaq preċedentement, direttament jew impliċitament, fir-rikors promotur u li jkun marbut mill-qrib miegħu għandu jiġi ddikjarat ammissibbli (sentenza tal-11 ta' Lulju 2013, Ziegler vs Il-Kummissjoni, C-439/11 P, EU:C:2013:513, punt 46). Soluzzjoni analoga hija imposta għal ilment invokat insostenn ta' motiv (sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Mejju 2010, Boliden *et* vs Il-Kummissjoni, T-19/05, EU:T:2010:203, punt 90).

80 F'dan il-każ, l-ilment invokat mir-rikorrenti li jgħid li hija subiet dannu morali mill-fatt tad-deċiżjoni kkontestata ma jirriżultax mir-rikors u ma jibbażax fuq punt ta' liġi u ta' fatt magħruf fil-mori tal-proċedura. Barra minn hekk, ma jirrigwardax estensjoni ta' motiv imressaq preċedentement. Fil-fatt, id-dannu morali invokat fir-rikors u eżaminat fil-punti 65 sa 76 iktar 'il fuq ġie invokat minħabba l-aġir tal-Kummissjoni u mhux b'rabta mad-deċiżjoni kkontestata.

81 Għaldaqstant, l-ilment ibbażat fuq l-eżistenza ta' dannu morali marbut mal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata għandu jiġi miċħud bħala ġdid u, għalhekk, inammissibbli, konformement mal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991.

82 Fi kwalunkwe każ, anki jekk wieħed jippreżumi li ma jirrigwardax ilment ġdid, għandu jiġi kkonstatat li t-talba tar-rikorrenti f'dan ir-rigward ma hijiex biċ-ċifri u hija intiża, b'mod indirett, li tiġi kkonstatata li l-parteċipazzjoni tagħha għall-proġett eDIGIREGION ma kellhiex tiġi miċħuda. Jiġifieri, tali talba hija intiża, essenzjalment, li tikseb l-istess riżultat bħal dak li minnu hija tinsab imċaħda mill-fatt tat-tardività tar-rikors tagħha għal annullament. Din it-talba b'hekk tidher strettament marbuta mar-rikors għal annullament, fis-sens tal-ġurisprudenza evokata fil-punti 46 sa 48 iktar 'il fuq, u għalhekk tista' biss tiġi miċħuda skont din il-ġurisprudenza.

83 Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma tipprovdi ebda element li jappoġġa l-eżistenza ta' dannu għar-reputazzjoni tagħha li hija marbuta mad-deċiżjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, id-deċiżjoni ta' ċaħda tal-parteċipazzjoni tagħha fil-proġett, għalkemm sfavorevoli, ma tistax, fiha nnifisha, tiġi kkunsidrata bħala li tippreġudika r-reputazzjoni tagħha. Il-konsegwenzi marbutin mal-adozzjoni ta' tali deċiżjoni jagħmlu parti mir-riskji li għalihom kull operatur ekonomiku mwissi jesponi ruħu meta jipparteċipa f'tali proċedura. Minn dan isegwi li d-dannu ta' reputazzjoni allegatament marbut mad-deċiżjoni kkontestata ma hija stabbilita b'ebda mod.

84 Għaldaqstant, it-talba għall-kumpens għad-dannu morali, kemm jekk hija marbuta mal-aġir tal-Kummissjoni jew mad-deċiżjoni kkontestata, għandha tiġi miċħuda.

85 Minn dak kollu li ntqal hawn fuq jirriżulta li t-talba għad-danni tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha, mingħajr ma jkun hemm il-bżonn li tintlaqa' t-talba tagħha intiża li tordna perizja ġudizzjarja u li taħtar espert u għat-talba tagħha għal miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura intiża li tiġbor ix-xhieda tal-koordinaturi. Bl-istess mod, it-talba tagħha għall-pubblikazzjoni ta' din is-sentenza tal-Qorti Ġenerali għandha tiġi miċħuda.

86 Għalhekk, dan ir-rikors għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

87 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-rikorrenti tilfet, hemm lok li tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Is-Sitt Awla),

taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Holistic Innovation Institute, SLU hija kkundannata għall-ispejjeż.

Frimodt Nielsen Dehousse Collins

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-12 ta' Mejju 2016.

Firem